# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Mauro Persiano**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Mauro Persiano**, numru tal-Karta tal-identita' 405490M fejn ġie mixli talli

1) Bejn il-lejl ta 6 ta ' Lulju 2014 u 7 ta ' Lulju 2014 gewwa l-istabiliment Gringos, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta ' Kelly Fenech u dan skond kif iccertifikat minn Dr. Cachia Bonello (med. Reg.2983);
2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil Kelly Fenech biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;
3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u/jew glied;
4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-publiku xi kliem oxen jew indicenti;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Kelly Fenech u l-membri tal-familja tieghu, ir-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat li matul is-seduta tat-8 ta' Lulju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 10 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Alessandro Lia tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma relattivament sempliċi. Fid-data, ħin, lok u ċirkostanzi indikati fil-komparixxi, l-imputat u Kelly Fenech, li kellhom relazzjoni amoruża bejniethom u li kienet ġiet mitmuma ftit ġimgħat qabel, iltaqgħu fl-istabbiliment Gringo's mingħajr mistenni. Jidher li matul dak il-lejl huma iltaqgħu darbtejn. L-imputat u Fenech tkelmu u jirriżulta li Fenech ma kienetx ħadet gost li ltaqgħet mal-imputat. L-imputat ried ikun jaf ir-raġuni għaliex Fenech kienet ħasret ir-relazzjoni. Din ma kienetx kuntenta li tkelmu. Għalkemm tkelmu darbtejn b'pawża ta' ħin bejn iż-żewġt episodji, jirriżulta iżda l-agħar parti tal-inkontru seħħet meta ltaqgħu it-tieni darba. Dwar id-dinamika dwar dak li seħħ fit-tieni episodju li fih tkelmu l-imputat u l-parte civile u l-konsegwenzi sofferti hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet.

Il-parte civile ttenni li l-imputat kien aggressiv magħha tant li uża l-forza kontra tagħha fuq persuntha tant li saħansitra mhux biss daħlilha wiċċha f'dustbin talli waddabha mal-art u ta' xi daqqiet ta' sieq kif ukoll ġarbet daqqiet fuq rasha evidenzjati minn gundalla u partijiet differenti ta' ġisimha fosthom irkuptejha, koxxa leminija, u kif ukoll sofriet frattura tal-għadam tal-id il-leminija u wġiegħ fil-minkeb. Irriżulta wkoll li kellha tagħmel il-ġibs u wara ġiet mibdula bi sling. Hija damet ma fieqet għal xi sitt ġimgħat u kellha toħroġ bis-sick leave minħabba li ma setgħetx taħdem xogħolha ta' Casino Dealer.

L-imputat jixhed li fit-tieni darba li ltaqgħa mal-parte civile huwa ra ħierġa b'pass mgħaġġel mill-istabbiliment, huwa laħaqha, żammha minn idha (fol 155) u meta hi riedet taqbad u titlaq mingħajr ma twieġbu għall-mistoqsijiet tiegħu dawwarha minn spallitha x-xellugija (fol 157) forsi b'naqra aktar saħħa u waqgħet (fol 161) mal-art għax skontu tfixklet f'saqajha stess. Iżid li mhux minnu li huwa ta xi daqqiet ta' sieq fuq sidirha. Huwa jtenni wkoll li kien veru li qalilha kliem "ta' theddid" fis-sens li mnalla intervjenew is-securities għax inkella kienet tkun mejta (fol. 170 u 171) iżda dan qalu wara li kien seħħ kollox u fi kwalunkwe każ ma kienx ser jasal li jagħmel dak mistqarr, għalkemm għaraf li din kienet kelma żejda (fol 173). Kien ukoll minnu li huwa għajjarha "qaħba" lil parte civile, għalkemm ma għajjarhiex meta kienet mal-art (fol 172).

***Ikkunsidrat : -***

<u>It-tieni imputazzjoni</u>

Illi qabel xejn il-Qorti taqbel mat-teżi tal-Difiża li f'dan il-każ ma hemmx l-estremi tar-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni. Dan peress li t-tieni imputazzjoni hija dik li titnissel mill-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Dan jirriżulta mill-lokuzzjoni tal-istess imputazzjoni b'mod ċar fil-komparixxi. Dan ir-reat huwa kunsidrat li jaqa' taħt it-tipoloġija ta' reati li jikkostitwixxu l-fastidju. Il-ġurisprudenza Maltija turi b'mod ċar li

sabiex dan ir-reat jiġi integrat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li :

(a) l-imġieba tal-imputat tkun tali li

(b) permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor

(c) biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser fil-liġi.

Qabel xejn din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm *course of conduct* – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja fosthom ***Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez,***[1] ***Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini,***[2] ***Il-Pulizija vs. Raymond Parnis,***[3] ***Il-Pulizija vs Julian Genovese,***[4] ***Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar,***[5] ***Il-Pulizija vs. Brian Micallef,***[6] fost oħrajn.

F'dan il-każ, il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni għażlet li torbot dan ir-reat mal-inċidenti li seħħew kif imsemmi fil-komparixxi aktar il-fuq imsemmija. Skont kif mistqarr fis-sentenzi ***Caruana Carabez*** u ***Tivisini***

---

[1] Qorti tal-Appell Kriminali, 21/06/2007;
[2] Qorti tal-Appell Kriminali, 27/02/2009;
[3] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/04/2009;
[4] Qorti tal-Appell Kriminali, 12/08/2010
[5] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/01/2011;
[6] Qorti tal-Appell Kriminali, 14/10/2011;

> f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.

Il-Qorti tqis li dan kien inċident iżolat u aċċidentali u bl-ebda mod ma tista tikkonsidrah bħala aġir abitwali. Almenu l-provi ma jwaslux sa hemm u fi kwalunkwe każ l-imputazzjoni hija ċirkoskritta bid-dati u ħinijiet imsemmi fil-komparixxi.

Il-Qorti għalhekk mhix sejra ssib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.

<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>

Ġie soddisfaċentement ippruvat li l-imputat għajjar lill-Fenech bil-kelma "qaħba". Għalkemm il-Qorti tifhem li Fenech setgħet ħassitha inġurjata b'din l-espressjoni indirizzata lejha għaliex ma ħassithiex tikkwalifika għal dik l-istess espressjoni, il-Prosekuzzjoni ma addebitatx lill-imputat ir-reat tal-inġurja (anke kontravvenzjonali) iżda addebitatlu l-istqarrija ta' kliem oxxen jew indiċenti fil-pubbliku. Bid-dovut rispett, fil-qalba tal-2016, din il-Qorti ma tħossx li din l-espressjoni għalkemm tista' tkun inġurjuża tista' titqies ukoll li hija oxxena jew indiċenti. Tqisha bħala kelma Maltija safja li tfisser *prostituta*. Mhix kelma "pulita" iżda dan ma jfissirx li fid-dinja tal-lum, il-kelma per se, in kwantu tali, hija oxxena jew indiċenti. Għaldaqstant il-Qorti mhix ser issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni.

Il-kumplament tal-Imputazzjonijiet

Mhux l-istess pero jista' jingħad fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet kontestati lill-imputat. Mill-assjem tal-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni bit-teżi tal-Prosekuzzjoni u l-parte civile. Għalkemm il-Qorti tista' tifhem li l-parte civile żiedet xi ftit kulur għal dan l-inċident, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li l-imputat fil-fatt irrenda ruħu ħati tar-reati ipotizzati fl-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni.

Għalkemm l-imputat jixhed li ma kienx minnu li huwa sawwat lil Kelly Fenech din il-Qorti emnet il-maġġor parti tax-xiehda tal-istess parte civile. Jirriżulta li minn dan l-inċident hija sofriet offiża ta' natura gravi konsistenti fil-frattura tal-għadam tal-id il-leminija. Fil-fehma tal-Qorti, din hija marda tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed jew li għal daqshekk żmien żammet lill-offiża milli tmur għax-xogħol tagħha.[7] Dan minbarra d-diversi offiżi ta' natura ħafifa li ġew ukoll soddisfaċentement ippruvati f'dan il-każ bħala li kienu konsegwenza diretta tal-azzjoni tal-imputat inkriminata.

[7] Ara wkoll f'dan is-sens ***Il-Pulizija vs Anthony Bonavia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 t'April 2003 per JGD

Skont is-sentenza ***Il-Pulizija vs Mary Simiana*** deċiża mill-Qorti Kriminali sede t'appell nhar is6 ta' Marzu 1954 mill-Imħallef William Harding ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni pubbliku bil-ġlied bażat fuq l-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali jissussisti meta jkun l-istorbju jkun akkumpanjat minn atti li jneħħu jew inaqsu l-opinjoni tas-sikurezza individwali. Iżda jekk wara dak l-att ikun ukoll segwit minn offiżi effettivi fuq il-persuna allura dak l-istess att jiġi assorbit fir-reat ta' offiża gravi jew ħafifa skont x'jirriżulta. F'dan il-każ huwa paċifiku li intervjenew ukoll is-securities tal-istabbiliment meta inqala' l-inċident bejn l-imputat u l-parte civile. Dawn ma jintervjenux għalxejn u intervjenew għaliex l-element tas-sikurezza individwali f'dan il-każ kien kjarament imkasbar u miksur. Dan ir-reat jirriżulta għalhekk integrat fil-forma aktar il-fuq imsemmija fis-sentenza ċitata.

# *DECIDE*

Li qegħda ssib lil **Mauro Persiano mhux ħati** tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet stante li ma ġietx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

Iżda wara li rat l-Artikoli 214, 216(1)(d), 221(1) u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali issibu **ħati** tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet, kif ukoll il-fedina penali netta tal-imputat, nonche ċ-ċirkostanzi kollha li sawru dan il-każ, inkluż li l-partijiet temmew ir-relazzjoni tagħhom ħeżrem. Jidher li l-verżjoni mogħtija mill-parte civile, mingħajr ma tiġi intakkata l-kredibbilita tagħha, kienet waħda li kien fiha doża relattivament qawwija ta' riżentiment. Fil-fehma tal-Qorti għalkemm il-parte civile kellha kull dritt li ttemm ir-relazzjoni tagħha mal-imputat, hija ma kienetx tagħmel ħażin kieku minflok temmet ir-relazzjoni tagħha ħeżrem bla kliem u bla sliem, tat spjegazzjoni ċara lill-imputat għaliex ħasset li kellha ttemm ir-relazzjoni tagħha minn miegħu aktar milli tħassar ir-relazzjoni għall-għarrieda mingħajr ma tispjega ruħha b'mod ċar u ċivilizzat.

Il-Qorti qieset ukoll il-kliem meqjuż tal-Prim'Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Patrick Micallef*** deċiża nhar it-28 ta' Diċembru 2007 f'każ fejn irriżultat ukoll frattura tal-kranju waqt argument fi stabbiliment tad-divertiment fejn starr :

> Kwantu ghall-piena erogata – tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn – din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti. Huwa evidenti fil-fehma tal- Qorti li l-appellant fl-1 ta' Gunju 2003 sab l-okkazjoni biex ipattiha lil Gauci ta' dak li kienet ghamlitlu xi tlett gimghat qabel. Jinghad ukoll li sfortunatament incidenti ta' vjolenza fizika f'lokali ta' divertiment bhal dak li kienu jinsabu fih l-appellant u Janie Gauci qed isiru aktar frekwenti, b'mod li qed tinbet l-idea li tali stabbilimenti huma perikoluzi, jew li min jiffrekwentahom ghandu xi dritt li jiehu l-ligi b'idejh flok ma jirrikorri ghal mezzi civili ta' kif kwistjonijiet jigu rizolti. Trid tidhol ghalhekk il-kultura li min jirrikorri ghal tali vjolenza ghandu jigi severament punit; u difatti din il-Qorti ripetutament fissret li, bhala regola, meta si tratta ta' offiza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun wahda karcerarja b'effett immedjat. F'dan il-kaz, in vista tal-provokazzjonijiet u anke l-agir inkonsult ta' Gauci, l-ewwel qorti ttemperat il-piena billi

applikat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-hsieb tal-Qorti Inferjuri f'dan ir-rigward f'dan il-kaz.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li ma kienx hemm l-element tal-provokazzjoni bħal ma ġara f'dik is-sentenza. Għalhekk tqis li għandha timponi piena karċerarja wkoll maġġuri għal dak il-każ u dan ukoll għaliex għar-raġunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'dik is-sentenza ċitata il-vjolenza ma hemmx lok li tiġi tollerata. Biss hemm lok ukoll li f'dan il-każ ikun hemm temperament għar-raġunijiet aktar il-fuq elaborati f'din il-piena billi din erogata fil-forma sospiża tagħha, filwaqt li tinżamm l-ordni ta' protezzjoni viġenti matul il-perjodu operattiv kollu.

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tikkundanna lil **Mauro Persiano** għall-piena ta' **għaxar xhur priġunerija**; iżda wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ta' priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi **żmien tliet snin millum** u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu imnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor

li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, l-Qorti rat l-ordni ta' protezzjoni maħruġa minnha nhar it-8 ta' Lulju 2014 u filwaqt li żżomm fis-seħħ l-effetti kollha tal-istess ordni, tordna li l-istess ordni ta' protezzjoni qiegħed jiġi estiż u għalhekk għandu jibqa fis-seħħ għal-żmien tliet snin mid-data ta' din is-sentenza.

**Mogħtija illum it-13 il-jum ta' Ġunju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont